

Brussell, 13 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12743/23

CFSP/PESC 1222  
CSDP/PSDC 626  
COAFR 301  
POLMIL 232  
CSC 424  
EUMPM NIGER 28  
PSC DEC 35

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/614 (EUMPM Niger/2/2023)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...**

**ta' ...**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE  
għall-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger),  
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/614  
(EUMPM Niger/2/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2444 tat-12 ta' Diċembru 2022 dwar missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 319, 13.12.2022, p. 86.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2444, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni EUMPM Niger (il-"Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE").
- (2) Fl-14 ta' Marzu 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/614<sup>1</sup> li taħtar lill-Kurunell Antonio D'AGOSTINO bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUPM Niger.
- (3) Fis-17 ta' Awwissu 2023, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Kurunell Antonio STASI biex jieħu post il-Kurunell Antonio D'AGOSTINO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mid-19 ta' Settembru 2023.
- (4) Fit-23 ta' Awwissu 2023, il-Kmandant tal-Missjoni għall-EUMPM Niger appoġġa din il-proposta.
- (5) Fit-23 ta' Awwissu 2023, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-Kurunell Antonio STASI jinħatar bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mid-19 ta' Settembru 2023.
- (6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kurunell Antonio STASI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mid-19 ta' Settembru 2023 u jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/614 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/61 tal-14 ta' Marzu 2023 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger) (EUMPM Niger/1/2023) (ĠU L 80, 20.3.2023, p. 93).

*Artikolu 1*

Il-Kurunell Antonio STASI huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niger (EUMPM Niger) mid-19 ta' Settembru 2023.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/614 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Settembru 2023.

Magħmul fi ...,...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

*D. PRONK*